MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41

23 ta' Frar 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.31pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjuri Alex Mangion, Helen Caruana, Silvio Brincat u Maria Concetta Scerri li kienu għadhom ma daħlux. Is-Sindku talab li jitolbu għas-Sur Charlie Vella, ħaddiem tal-Kunsill li kien jinsab ħazin u f'qagħda kritika. Inqalet talba għaliħ

## 41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

41.1.1 Is-Sur Cordina qal li apoliġiji ma kellux imma jiskuża li dawk li ma setgħux jattendu.

## 41.2 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji mhux Awditjati 2021

41.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ixxerjat l-iscreen a benefiċċju ta' kulħadd u bdiet tispjega kif fil-bidu bidu jkun hemm il-firem u li dawn l-EF huma skont ir-regoli IFSR u liġi tal-Kunsilli Lokali. Qalet li ċ-ċifri fuq il-lemin juru l-ammonti għas-sena 2020 filwaqt li dawk fuq ix-xellug għas-sena 2021. Kompliet li l-Kunsill din is-sena kellu profit marġinali ta' € 32,855 fuq tas-sena l-oħra li kien ta' €26,116.

Il-EF, kompliet tgħid, jinkludu l-assi tal-Kunsill, il-*current* u *non current liabilities*. Qalet li mhux sa toqgħod tidħol fid-dettal minħabba li dan id-dokument fih 36 paġna imma per eżempju biex jieħdu ideja id-*deferred income* huma dawk il-flus li l-Kunsill ikun għadu se jdaħħal.

L-Avukat Silvio Brincat daħal f'dan il-mument 05.35pm.

A benefiċċju tal-Avukat Brincat irrepetiet dak li kien intqal u kompliet isemmi l-entrojtu tal-Kunsill u l-Infieq, id-deprezzament u l-assi li ġew disposed off, l-inventarju tal-istock li jkollu l-Kunsill, l-interessi li naqsu drastikament u li żdiedu t-tariffi u *charges* marbuta mal-pagamenti.

L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 05.37pm.

Is-Sur Cordina qal li ħafna minn dan il-kliem hu bażiku u ta' rutina bħal kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan vera hu minnu imma xtaqet tinfurmahom li ħadu ħsieb idaħħlu kollox, kull *accrual* u *prepayment*, il-*grants* kollha l-LC Care, l-Info Centre, il-*grants* il-ġodda tal-bini ta' ħajt fi Ġnien il-Kunsill, l-attivitajiet kulturali fejn qalet li hemm mogħtija €5000 u li possibilment din l-attività għandha ssir qabel Awwissu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ddaħlu *tranches* kollha, il-pagi tal-impjegati tlestew l-FS3 u provdew l-FS5 u FS7 ġew rikonċiljati. Spjegat fuq il-flus li kellu jdaħħal il-Kunsill imma li ma daħlux kienu dawk marbuta mal-installazzjoni ta' Ubends u liema riklami kienu nqalgħu kollha minn Transport Malta.

Kompliet tgħid li *suppliers* ġew imħallsin regolari u l-flus tal-Wastserve (rimi ta' skart) ġew rikonċiljati. Ġie ikkapitaliżżat il-proġett tal-Embankment minħabba li tlesta u żdied mal-assi tal-Kunsill minħabba li qabel kien għadu jidher bħalha ANYC.

Bdiet tikkonkludiet billi qaltilhom li ħa tgħaddilhom kopja formali iffirmata hekk kif din tintbagħat in-National Audit Office. Qalet li jista' jkun hemm xi tibdiliet minimi bħas-sena l-oħra u dan normalment ikun għax kull *accountant* jaħdem b'mod differenti.

Dawret ftit iktar paġni u spjeġat kif daħlu l-flus, l-income mill-Gvern u l-flejjes tal-Lesa u kkonkludiet billi qalet li tinsab sodisfatta kif ġemmgħu l-flus u ħadmu fl-istess ħin biex jiġu attwati l-proġetti.

Barra mill-*item* fuq l-Aġenda is-Sur Victor Galea saqsa jekk il-kuntrattur tat-tindif tat-toroq, li ġie sospiż il-kuntratt tiegħu, sakemm tħallas u jekk weħilx xi penali? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tħallas sal-aħħar ġurnata tal-kuntratt tiegħu. Hi qalet li ż-żmien kien qasir wisq biex japplikaw id-*default* u jnaqqsu l-flus. Is-Sur Cordina qal li pratikament iltaqgħu f'nofs ix-xahar u ġie terminat fil-bidu ta' Diċembru. Saqsa wkoll jekk kienx hemm xi appell imma spjega li l-Qorti l-każ kien ġie mwaqqa'.

L-Estimi Finanzjarji ġew approvati unanimament hekk kif ippreżentati.

## 41.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

41.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.46pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' Marzu 2022 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 16 ta' Marzu 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv